MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta ta' 27 ta' Settembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1006/2000/1

**Paul CAMILLERI**

**vs**

**Carmelo Joe BRIFFA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-23 ta' Mejju, 2000, li bih l-attur ippremetta:

Illi l-konvenut kien kera lill-attur il-ħanut ossija 'bar and restaurant' bl-isem "Charles Angels" fi Triq is-Salina, Naxxar;

Illi l-konvenut kien ikkonsenja ċ-ċwievet tal-ħanut imsemmi lill-attur li da parti tiegħu beda jħallas il- kera lill-konvenut, kif jirriżulta mill-annessa kopja ta' riċevuta markata Dok. "A";

Illi l-attur kien beda joppera dan il-ħanut, għamel spejjeż sabiex tali ħanut jiġi rez funzjonabbli u operabbli u fornixxa l-istess ħanut bi stokk kemm ta' ikel u xorb u kif ukoll ta' utensili meħtiega fl-operat ta' "bar" u "restaurant";

Illi l-attur beda jopera l-imsemmi "bar and restaurant" fuq bazi 'full-time' u telaq in-negozju l- ieħor illi kellu bħala furnar sabiex ikun jista' jikkoncentra fuq it-tmexxija ta' dan il-ħanut;

Illi anke jekk f'perjodu qasir ta' żmien l-attur kien diġa rnexxielu jistabilixxi ċerta klijentela u beda jipperċepixxi ċertu introjtu mill-operat tal-"bar and restaurant" 'de quo';

Illi l-konvenut unilateralment, u illegalment u abbuzivament l-ewwel qabad u qata' s-servizz tal-elettriku li jservi dan il-ħanut u sussegwentement qabad u sakkar l-entraturi kollha tal-fond in kwistjoni b'mod illi l-attur ġie impedut milli jidħol fl-imsemmi ħanut sabiex jissokta bit-tmexxija tiegħu;

Illi f'dan ir-rigward l-attur bagħat numru ta' kwereli lill-Pulizija Ezekuttiva, kopja tagħhom hawn annessa u mmarkat Doks. "B" - "D";

Illi bl-aġir illegali u abbuziv tieħu, il-konvenut, li assolutament irrifjuta milli jippermetti lill-attur milli jirriprendi pussess tal-ħanut in kwistjoni jew tal- inqas li jidħol fih sabiex jieħu pussess tal-oggetti kollha proprjeta' tiegħu, arreka danni kbar u ingenti lill-attur, u dan kif se jiġi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi tali danni jikkonsistu kemm f'telf ta' introjtu da parti tal-attur u kif ukoll fil-valur ta' diversi oggetti, fosthom, kif diga' fuq spjegat, oggetti ta' ikel u xorb (uħud minnhom 'perishables') u utensili li l-attur qatt ma ingħata lura l-pussess tagħhom;

Illi minkejja li ġie debitament interpellat biex jersaq għall-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kollha sofferti mill-attur, u dan kemm permezz ta' ittra bonarja datata 13 ta' Jannar, 2000 (ara Dok. "E") u kif ukoll permezz ta' ittra uffiċjali

datata 29 ta’ Marzu, 2000 (ara Dok. “F”), il-konvenut baqa’ inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex:

1. Tiddikjara illi bl-aġir illegali u abbuziv tiegħu meta qabad u sakkar u għalaq il-ħanut ossija “bar and restaurant” bl-isem ‘Charles Angels’, mikri lill-attur, il-konvenut arreka danni lill-istess attur;

2. Konsegwentement tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli għall-ħlas tal-imsemmija danni lill-attur;

3. Tillikwida l-ammont ta’ danni sofferti mill-attur għar-raġunijiet premessi; u

4. Tikkundanna lill-konvenut biex iħallas lill-attur id-danni kif likwidati;

Bl-ispejjeż kollha, inkluz dawk tal-ittra bonarja datata 13 ta’ Jannar, 2000 u tal-ittra uffiċjali datata 29 ta’ Marzu, 2000 u bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mas-sitt (6) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fis-6 ta’ Frar, 2001, li biha l-imħarrek eċċepixxa:

1. Illi, fl-ewwel lok, il-pretensjonijiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ma kien hemm l-ebda lokazzjoni in corso bejn il-kontendenti, għaliex il-ftehim bejn il-partijiet kien wieħed ċar u univoku illi l-attur jingħata l-fond biss għal gimgħa sabiex ikun jista’ jiftaħ għall-lejliet l-Ewwel tas-Sena hekk kif jindika d-Dokument hawn anness u immarkat bħala Dok. A, imbagħad wara kellhom jiġu inizzjati trattativi ħalli l-fond in kwistjoni jingħata b’kera mill-konvenut lill-attur;

2. Illi fit-tieni lok fil-fond in kwistjoni qatt ma kien hemm jew tħalliet fil-post xi proprjeta’ mobbli illi tappartjeni lill-attur;

3. Illi, mingħajr ebda pregudizzju għas-suespost, l-attur ma sofra l-ebda danni konsistenti f’telf ta’ klijentela u f’telf ta’ ċerta introjtu mill-operat tal- imsemmi bar & restaurant stante illi l-attur dam jopera l-imsemmi fond biss mis-27 ta’ Diċembru 2000 sal-11 ta’ Jannar, 2001;

4. Illi finalment kull dannu li setgħa sofra l-attur kienu kagun tal-aġir abbusiv tiegħu stess u mhux bla ebda imputabbli lill-konvenut;

5. Salv kull eċċezzjoni ulterjuri hekk kif permessi mil-liġi;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat il-kontro-talba mressqa mill-imħarrek flimkien man-Nota tal-Eċċezzjonijiet tiegħu fis-6 ta’ Frar, 2001, li biha ippremetta:

Illi l-konvenut qed jipprevalixxi ruħu mill-azzjoni hekk kif promossa mill-attur sabiex jagħmel s-segwenti rikonvenzjoni:

Illi l-konvenut-rikonvenzjonant huwa l-proprjetarju ta’ “Bladon Guest House” u ta’ restaurant ta’ l-istess Guest House li jismu “Charles Angels’ fi Triq in-Naxxar, Salina;

Illi l-konvenut-rikonvenzjonant kien fi trattativi mal- attur sabiex dan jikri r-restaurant ta’ l-istess guest house lill-attur taħt diversi pattijiet u kondizzjonijiet illi kellhom jiġu miftehma;

Illi l-attur-rikonvenzjonat kien insista mal-konvenut-rikonvenzjonant illi huwa ried jiftaħ l-imsemmi restaurant għall-festi tal-Ewwel tas-Sena;

Illi billi l-partijiet kienu għadhom ma ftehmux fuq il- pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-lokazzjoni ta' bejniethom, sar ftehim temporanju illi l-attur-rikonvenzjonat jibda jopera l-imsemmi fond u dan għal perjodu ta' gimgħa biss u dana bl-intendiment bejn il-partijiet illi l-attur-rikonvenzjonat ikun jista' jiftaħ għall-lejliet l-Ewwel tas-Sena fil-presenza ta' l-istess konvenut-rikonvenzjonant bħala licencee u b'arrangament ċarissimu illi fil-frattemp isir ftehim permanenti ta' lokazzjoni bejn il-konsulenti legali tal-partijiet;

Illi dan il-ftehim ta' lokazzjoni bejn il-partijiet qatt ma seħħ u dan minħabba l-aġir abbusiv da parti tal- attur-rikonvenzjonat, inter alia, kaxxi tal-logħob fuq il-post li ma kienux koperti bil-liċenzji relattivi, operazzjoni tal-fond da parti tal-attur mingħajr liċenzja ta' substitute, tkissir da parti tal-attur fil-vettura tal-konvenut, ħsara volontarja da parti tal-attur fir-restaurant u fil-guest house proprjeta' tal-konvenut, kif ukoll tħeddid da parti tal-attur-rikonvenzjonat fil-konfront tal-konvenut-rikonvenzjonant;

Illi l-konvenut-rikonvenzjonant sofra danni minħabba l-aġir abbusiv da parti tal-attur-rikonvenzjonant, konsistenti fi ħsara fil-vettura proprjeta' tiegħu, ħsara fil-proprjeta' tiegħu, kif ukoll telf ta' profitti u dana hekk kif se jkollu l-opportunita' illi jipprova fil-mori ta' din il-kawża;

Illi l-attur-rikonvenzjonat għalkemm interpellat sabiex jesaq għall-likwidazzjoni tad-danni huwa baqa' inadempjenti;

Jgħid l-attur-rikonvenzjonat għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenut-rikonvenzjonant sofra danni u dana a kawża tal-aġir abbusiv tal-attur-rikonvenzjonat;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut-rikonvenzjonant jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-attur-rikonvenzjonat iħallas id-danni hekk likwidati lill-konvenut-rikonvenzjonant ai fini tat-tieni talba;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax sad-data tal-ħlas min-naħa tal-attur-rikonvenzjonat;

L-attur rikonvenzjonat minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek rikonvenzjonant;

Rat in-Nota mressqa fis-26 ta’ Frar, 2001, li biha l-attur rikonvenzjonat eċċepixxa:

1. Preliminarjament, l-intempestivita’ tal-kontro-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant illi qatt ma interpella lill-eċċipjent odjern għall-ħlas ta’ kwalsiasi danni, u għalhekk f’kull każ l-eċċipjent odjern m’għandux ibagħti l-ispejjeż ta’ din il-proċedura;

2. Preliminarjament ukoll, l-inkompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti ‘ratione valoris’ ai termini tal-artikolu 746 et seq tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta stante illi l-allegati danni ċertament mhumiex in eċċess tas-somma ta’ Lm1,000;

3. Preliminarjament ukoll, in-nullita’ u l-irritwalita’ tal-kontro-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant stante illi l-imsemmija kontro-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant mhumiex ġejjin mill-istess fatt jew mill-istess kuntratt jew titolu illi minnu gejja t-talba tal-attur, u ċioe l-eċċipjent odjern, u dan ai termini tal-artikolu 396(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

4. Preliminarjament ukoll, in-nullita’ tal-kontro-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant stante illi m’hemmx tifsir ċar u sewwa tal-oggett u r-raġuni ta’ tali talbiet, u dan a tenur tal-artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, tant illi, ad ezempju, il-konvenut rikonvenzjonant qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħogbha tillikwida d-danni allegatament sofferti minnu sofferti fil-vettura

tiegħu bl-opera tal-eċċipjent odjern mingħajr biss m’hemm ebda indikazzjoni kwalsiasi ta’ x’inhi tali vettura, ad ezempju l-għamla u n-numru ta’ reġistrazzjoni u kwindi l-kontro-talbiet tal- konvenut rikonvenzjonant għandhom jiġu dikjarati nulli u bla ebda effett;

5. Preliminarjament ukoll, il-kontro-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant huma preskritti a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta u f’kull każ bil-preskrizzjoni biennali, u f’dan ir-rigward l-eċċipjent odjern qiegħed jirriserva minn issa illi jibdel jew jemenda din l- eċċezzjoni f’każ illi jkun hemm tifsir ċar u sewwa tal-oggett u r-raġuni tal-kontro-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant;

6. Illi, fil-mertu, il-kontro-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-istess konvenut rikonvenzjonant stante illi mhuwiex minnu li l-eċċipjent odjern arreka xi danni lill-istess konvenut rikonvenzjonant, u dan kif se jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li jistgħu jkunu meħtiega u li jkunu permissibbli skond il-liġi;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur rikonvenzjonat;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-31 ta’ Mejju, 2001, li fih sar qbil li l-ewwel kellhom jiġu trattati t-tieni (2i) u r-raba’ (4a) eċċezzjonijiet tal-attur għall-kontro-talba tal-imħarrek;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-11 t’Ottubru, 2001;

Semgħet ix-xhieda tal-attur;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar iż-żewġ eċċezzjonijiet taħt eżami;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tal-11 t'Ottubru, 2001, 8 ta' Frar, 2002, 17 ta' Mejju, 2002, 4 ta' Lulju, 2002, u 12 ta' Lulju, 2002, għas-sentenza dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża fejn l-attur qiegħed jitlob li jiġi kumpensat mill-imħarrek għad-danni li ġarrab meta dan qafel lill-attur barra minn ħanut li kien krielu;

Illi, għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi qal li qatt ma kien hemm kirja, u li l-attur ma seta' qatt ġarrab danni fiż-żmien qasir li dam imexxi l-ħanut. Imbagħad, l-imħarrek ressaq kontro-talba kontra l-attur sabiex jitlob li jiġi hu kompensat mill-attur għad-danni li ġarrab matul iż-żmien li l-attur dam fil-pussess tal-ħanut;

Illi għall-kontro-talba, l-attur laqa' b'għadd ta' eċċezzjonijiet, fosthom dawk li l-azzjoni rikonvenzjonali hija intempestiva, li l-azzjoni rikonvenzjonali ma tiswiex, li l-Qorti ma tistax tisma' u tqis it-talba rikonvenzjonali, u li l-imħarrek għalaqlu ż-żmien li fih seta' ressaq il-kontro-talba tiegħu. Dan minbarra l-eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi din is-sentenza sejra tqis it-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet imqanqlin mill-attur għall-kontro-talba tal-imħarrek, u jiġifieri (a) li din il-Qorti ma tistax tqis il-kontro-talba għaliex tonqos fiha l-ġurisdizzjoni minħabba l-valur tal-kontro-talba, u (b) li l-azzjoni rikonvenzjonali ma tiswiex għaliex ma jingħatax tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talbiet rikonvenzjonali;

Illi għal dak li jirrigwarda **<u>l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-Qorti *rationae valoris*</u>**, l-attur qiegħed isejjisha fuq l-argument li l-ogħla ammont ta' danni li jista' jippretendi l-imħarrek fil-kontro-talba tiegħu ma jilħaqx l-anqas ammont li dwaru din il-Qorti għandha s-setgħa li tisma' kawża. Fiż-żmien li tressqet l-eċċezzjoni, il-kompetenza ta' din il-Qorti

dwar il-valur ta' kawża kienet dwar kawżi ta' valur minn elf lira Maltin (Lm 1,000) 'il fuq;

Illi, bħala fatt, fil-kontro-talba tiegħu l-imħarrek ma jitlobx il-ħlas ta' somma speċifika bħala dannu, imma li l-ħsara li hu jgħid li ġarrab mill-imġiba tal-attur tiġi likwidata mill-Qorti. Fi kliem ieħor, hija talba għal ħlas ta' danni li teknikament tissejjaħ "*da liquidarsi*". Ħjiel ta' dak li l-imħarrek jippretendi bħala ħsara li jgħid li għamillu l-attur fil-ħanut tiegħu joħroġ mis-sitt (6) premessa tal-istess kontro-talba, fejn tissemma ħsara f'vettura, ħsara fi proprjeta' u telf ta' qligħ;

Illi l-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jħaddan għadd ta' dispożizzjonijiet li jħarsu kwestjonijiet marbutin ma' valur ta' kawżi, li l-liġi nnifisha[1] tgħid li għandhom jiġu mħarsin meta tiġI biex titqies eċċezzjoni dwar hekk. Iżda r-regola ewlenija jidher li hi li kawża dwar valur inċert jew mhux determinat titqies dejjem li taqbeż il-kompetenza ta' qorti ta' ġurisdizzjoni limitata[2];

Illi fost it-tliet ċirkostanzi li l-liġi ssemmi bħala kawżi ta' valur indeterminabbli wieħed isib dawk il-kawżi li fihom il-valur tal-ħaġa ma jirriżultax mit-talba attriċi u lanqas jista' jiġi determinat kif jingħad fl-artikoli l-oħrajn li jitkellmu dwar id-determinazzjoni tal-valur tal-kawża[3]. Dan ifisser, mela, li jekk il-valur ma jissemmiex fit-talba attriċi ma jġibx, fih innifsu biss, li dik il-kawża hija waħda ta' valur inċert jekk dak il-valur huwa determinabbli;

Illi huwa għalhekk li jingħad li, bħala regola, l-kompetenza tal-Qorti hija meqjusa fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet, mit-termini nfushom tat-talba attriċi billi huwa dak l-att promotur kif imressaq (bil-premessi u t-talbiet marbuta magħhom) li jiddefinixxi l-wisgħa u l-limiti tal-kompetenza tal-Qorti biex tisma' l-każ[4];

---

[1] Art. 746 tal-Kap 12
[2] Art. 747(1) tal-Kap 12
[3] Art. 747(2)(`) tal-Kap 12
[4] App. ~iv**. 7.10.1997** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et***

Illi f'każijiet oħra ngħad li l-kwestjoni ta' kompetenza ma tkunx determinata biss minn dak li jingħad fl-azzjoni attriċi, imma wkoll minn dak li jressaq l-imħarrek bħala eċċezzjoni. Kemm hu hekk, fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-5 ta' Novembru, 1992, fil-kawza fl-ismijiet Ġ*<u>użeppa Borġ vs Maria Mizzi</u>* *<u>et</u>* ingħad li "għall-fini tad-determinazzjoni tal-kompetenza tal-Qorti, għandu jittieħed kont mhux biss tat-talbiet attriċi imma wkoll tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut";

Illi, madankollu, jibqa' l-fatt li fejn il-valur ta' talba huwa inċert jew mhux determinat, il-Qorti xierqa biex tisma' dik it-talba skond ir-rieda espressa tal-liġi hija din il-Qorti[5]. Dan ukoll jagħmel parti mit-tifsira li taw il-Qrati tagħna għar-rigward, fejn ġie stabilit b'awtorita' li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (u mhux il-Qorti inferjuri) kienet kompetenti tisma' l-kawża għax l-attur ressaq talba għal-likwidazzjoni ta' danni, minkejja li fl-istess waqt iċċensuratu talli messu kien jaf li l-ogħla ammont ta' kumpens li seta' jieħu ma kien qatt jisboq ammont li joħroġ mill-kompetenza ta' dik il-Qorti inferjuri[6];

Illi fil-fehma tal-Qorti m'hemm l-ebda artikolu ieħor tal-Kodiċi tal-Proċedura li jista' jitqies biex bih jitkejjel il-valur ta' dak li l-imħarrek qiegħed jitlob fil-kontro-talba tiegħu, u dan billi l-qofol tal-imsemmija kontro-talba hu msejjes fuq azzjoni *ex delicto*. Għalhekk, il-Qorti ssib li hija biss ir-regola miġjuba fl-artikolu 747 li għandha tħares il-kwestjoni quddiemha bil-kontro-talba msemmija;

Illi, għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' din l-eċċezzjoni tal-attur;

Illi għal dak li jirrigwarda **<u>l-eċċezzjoni li l-kontro-talba ma tiswiex għaliex hija nieqsa minn tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġunijiet tagħha</u>**, l-attur jgħid li dan jitnissel mill-fatt li l-imħarrek iħalli barra tagħrif siewi dwar ħwejjeġ li hu jixli bihom lill-attur. Bħala eżempju jsemmi li l-imħarrek jirreferi għal ħsara f'karozza tiegħu mingħajr ma

[5] Art 32 tal-kap 12

[6] Ara, per e\empju, App. ~iv **4.11.1963** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Gatt vs Mifsud*** (Kollez. Vol: **XLVII.i.406)**

jagħti l-anqas ħjiel ta' x'għamla hi jew x'numru ta' reġistrazzjoni għandha. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek jisħaq li r-regola tal-liġi li titlob li ċitazzjoni jkollha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġunijiet tat-talba, ma tfissirx li kull dettal u kull fattur li l-attur jibbaża l-azzjoni tiegħu fuqhom irid jissemma fl-imsemmi att;

Illi l-Qorti sejra tqis l-eċċezzjoni taħt eżami mill-aspett waħdieni proċedurali, għaliex għal dak li jirrigwarda l-mertu tal-każ u ċ-ċirkostanzi partikolari li setgħu kienu jeżistu bejn il-partijiet dawn imorru lil hinn mill-eżerċizzju li din il-Qorti hija mitluba twettaq f'dan il-waqt tal-kawża;

Illi biex wieħed jista' japprezza sewwa xi tfisser l-eċċezzjoni taħt eżami, ikun xieraq li jingħad mill-ewwel li l-każijiet li fihom l-eċċezzjoni tan-nullita' ta' atti ġudizzjarji tista' tingħata huma dawk imsemmija fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-erba' (4) ċirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex dik l-eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa' taħt il-parametri ta' xi waħda minnhom;

Illi, minbarra dan, bis-saħħa tal-bidliet li saru fil-liġi bl-Att XXIV tal-1995, l-eċċezzjoni ma tirnexxix lanqas (fejn mhix imsejsa fuq il-ħruġ tal-att ġudizzjarju minn qorti li mhix kompetenti) jekk in-nuqqas jew ksur ikunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-ligi. Tifsira tajba ta' din id-disposizzjoni, flimkien ma' l-isfond li fih il-leġislatur wera li ried iqegħdha, hija mogħtija f'sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet *Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino*[7];

Illi, f'dan il-każ, il-liġi qegħda tagħmel riferenza għall-bidliet illi jistgħu jsiru f'att ġudizzjarju bis-saħħa tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12, ukoll kif mibdul fl-1995;

Illi l-liġi tipprovdi ukoll li att ġudizzjarju, magħmul bis-saħħa ta' att null jew li ġej minn att null, huwa null ukoll[8];

[7] **28.1.1998** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.30**)
[8] Art 98 tal-Kap 12

Illi fil-kawża preżenti, l-eċċezzjoni mtella' mill-attur jidher li hija msejsa fuq il-paragrafu (ċ) tas-sub-inċiż (1) tal-artikolu 789 tal-Kap 12 kif jirreferi għall-artikolu 156(1) tal-istess Kodiċi u, b'mod partikolari, dwar x'jikkostitwixxi "tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba";

Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċizjonijiet tal-Qrati tagħna, id-distinzjoni bejn nullita' mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux "sempliċi" ksur tal-forma preskritta[9];

Illi l-liġi, tippreskrivi, fost l-oħrajn, li ċ-Ċitazzjoni għandu jkun fiha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi għat-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma' dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iħarrikha[10];

Illi huwa sewwasew dwar din id-disposizzjoni li wieħed isib għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jfissru l-limiti tagħha fid-dawl tal-eċċezzjoni tan-nullita' tal-Att taċ-Ċitazzjoni minħabba n-nuqqas ta' ħarsien tal-liġi. Ħafna minn dawn id-deċiżjonijiet ingħataw minħabba li jkun ġie allegat li t-talba kienet inċerta, x'aktarx sintesi ta' jeddijiet li kull wieħed minnhom jagħti lok għal azzjoni distinta u separata. Għal xi zmien, il-forma tal-att ġudizzjarju kienet issaltan, imma, biż-żmien u b'interventi tal-leġislatur, issawret it-tejorija magħrufa bħala tal-ekwipollenti li nisslet il-prinċipju li m'hijiex meħtieġa ebda għamla espressa għall-proposizzjoni tal-azzjoni [11];

[9] Ara, per e\empju, P.A. C.S.:**4.11.1988** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri;***
[10] Ara, per e\empju, P.A. **5.6.1959** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Sciortino et vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748**)
[11] P.A.: **9.3.1965** fil-kaw\a fl-ismijiet ***M. Muscat noe vs Dr. J. Cassar et noe.*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.809**) u s-sentenzi hemm imsemmija;

Illi, għalhekk, ċitazzjoni m'għandhiex tiġi mwaqqgħa għajr għal raġunijiet gravi[12]. Madankollu, jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' għamla u kwalita' tali li jċaħħad b'mod serju lill-imħarrek mid-difiża tiegħu, iċ-ċitazzjoni għandha tiġi mwaqqgħa[13];

Illi dwar l-element ta' kjarezza fl-Att taċ-Ċitazzjoni, l-liġi ma tinsistix fuq formola preċiża jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista' tinftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawżali tkunx imfissra b'mod xott jew saħansitra mifhuma jew implikata mit-talba nnifisha[14];

Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex att ta' ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha[15] u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur[16];

Illi fis-sentenza li għaliha għadha kemm saret riferenza ftit iżjed 'il fuq[17], il-Qorti qalet li "*hu neċessarju illi jkun jirriżulta rapport ta' konnessjoni raġonevolment identifikabbli bejn il-premessi miġjubin bħala l-kawża tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut*";

Illi huwa wkoll miżmum bħala prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri [18]. Normalment, b'dan wieħed jifhem li dak li kellu f'moħħu min ikun fetaħ il-

---

[12] App. ~iv.: **20.2.1935** fil-kaw\a fl-ismijiet ***R. Merola pro et vvs S. Caruso*** (Kollez. Vol: **XXIX..i.106**);

[13] App. ~iv.: **22.5.1967** fil-kaw\a fl-ismijiet ***E. Scicluna vs M. Xuereb et*** (Kollez. Vol: **LI.i.299**); u Kumm. **19.6.1989** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Frendo noe vs Attard noe*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.971**) u s-sentenzi hemm imsemmija

[14] P.A. **15.12.1955** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Moore noe vs Falzon et.*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.807**)

[15] P.A. : **14.2.1967** fil-kaw\a fl-ismijiet ***J.G. Coleiro vs Dr. J. Ellul*** (Kollez. Vol: **LI.ii.779**);

[16] App. Kumm. **20.1.1986** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Carmelo Bonni`i vs Eucharistico |ammit noe et***

[17] Ara nota 13;

[18] App. ~iv.: **7.3.1958** fil-kaw\a fl-ismijiet ***J. Tabone vs J. DeFlavia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.87**)

kawża jkun irid jirriżulta mill-att taċ-Ċitazzjoni innifsu u mhux minn provi li jitressqu iżjed 'il quddiem fil-kawża[19], u għalkemm id-dikjarazzjoni maħlufa hija meħtieġa *ad validitatem* biex iċ-Ċitazzjoni tkun tiswa, dak li jingħad fl-istess dikjarazzjoni ma jiswa qatt biex jirrimedja dak li jista' jkun nuqqas fl-Att taċ-Ċitazzjoni[20], għalkemm jista' jitfa' dawl fuq il-kawżali u jiċċaraha[21]. B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawża ma jġibx preġudizzju serju lill-parti mħarrka, allura l-proċedura tkun tista' tiġi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet[22];

Illi, jekk wieħed iqis il-kawża preżenti u jkejjilha mal-osservazzjonijiet li għadhom kemm saru isib li dak li qiegħed jippremetti l-imħarrek fil-kontro-talba tiegħu ma jħalli l-ebda dubju x'inhu jippretendi li sar u xi jrid li jikseb bl-azzjoni rikonvenzjonali tiegħu. Fuq dan l-istess attur rikonvenzjonat, fin-Nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu, juri wkoll li fehem x'qiegħed jingħad u x'għamla ta' kontestazzjoni qiegħed iressaq għal dawk il-pretensjonijiet tal-imħarrek;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li n-nullita' tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni eċċezzjonali u, fil-każ ta' att ta' ċitazzjoni, tali nullita' tkun imputabbli għal difett ta' forma aktar milli ta' sustanza[23], liema difett ma jkunx jista' jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[24];

Illi fil-każ preżenti l-imħarrek, għalkemm b'mod għal kollox lakoniku, jixli lill-attur rikonvenzjonat bir-responsabbilta' tal-ħsarat li hu jgħid li sab fil-post meta reġa' ħadu f'idejh, u għalhekk, sa ċertu punt, jista' jingħad li fl-att tal-kontro-talba hemm talba speċifika għal dikjarazzjoni ta' sejbien

[19] App. ~iv. **30.3.1998** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Raymond Be\\ina vs Anthony Galea***

[20] Ara P.A.**3. 6.1958** fil-kaw\a fl-ismijiet ***|ahra vs |ahra et*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.948**)

[21] App. ~iv**. 23.4.1945** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Savona noe vs Asphar*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.228**); u P.A**. 6.6.1957** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Demarco vs Fiteni*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.1035**)

[22] P.A. **: 24.6.1961** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Falzon vs Spiteri et*** (Kollez. Vol: **XLV.ii.696**)

[23] App. Kumm. **30.6.1994** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.172**)

[24] Ara App. ~iv. **21.5.1995** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Ellul vs Gera de Petri*** *et* (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.434**) u s-sentenzi hemm imsemmija

ta' ħtija. Min-naħa tiegħu, l-attur isejjes l-eċċezzjoni tiegħu mhux fuq nuqqas ta' talba meħtieġa, imma fuq nuqqas ta' tagħrif biżżejjed biex jagħmel it-talba waħda ċar u mfissra sew. Għalkemm kien ikun iżjed mixtieq li kieku l-imħarrek ta iżjed tagħrif dwar il-ħsara li jgħid li saret fi ħwejġu stess (u li, għalhekk, huwa mistenni li jkun midħla tagħhom biżżejjed biex jista' jidentifikahom aħjar), jibqa' dejjem ewlieni l-fatt li biċċa sewwa mill-ħsarat li l-imħarrek jgħid li ġarrab meta reġa' ħa l-ħanut f'idejh kienu fil-ħanut: l-istess ħanut li l-attur jgħid li kien mikri lilu u li hu mexxa għal ftit jiem qabel ma ssakkar barra mill-imħarrek. Fi ftit kliem, ma jistax jingħad li billi ma ssemmietx l-għamla tal-vettura jew tagħrif ieħor dwarha, b'hekk ġiet ma tiswiex il-kontro-talba. B'żieda ma' dan irid jingħad li għall-eċċezzjoni taħt eżami u fuq il-kawżali li fassalha l-imħarrek, wieħed ma jridx jinsa dak li jipprovdi l-proviso tal-artikolu 789(1);

Illi, fl-aħħarnett, ma jirriżultax li bin-nuqqas ilmentat mill-imħarrek dwar l-att taċ-ċitazzjoni, huwa ġarrab b'dak in-nuqqas preġudizzju li ma jistax jissewwa jekk mhux bit-tħassir tal-att[25];

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazjonijiet kollha, il-Qorti ssib li ma tistax tilqa' lanqas din l-eċċezzjoni tal-attur biex tħassar il-kontro-talba tal-imħarrek fuq ir-raġunijiet li hu jsemmi fl-eċċezzjoni preliminari tiegħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni** tal-attur Camilleri għall-kontro-talba tal-imħarrek Briffa, u tiddikjara li din il-Qorti għandha s-setgħa li tisma' u tqis l-istess kontro-talba;

**Tiċħad ir-raba' eċċezzjoni** tal-attur u tiddikjara li l-kontro-talba hija mfissra ċar u sewwa biżżejjed għall-finijiet tal-liġi;

[25] Art. 789(1)(`)

U tordna li l-kawża titkompla bis-smigħ u trattazzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari l-oħrajn tal-attur għall-imsemmija kontro-talba.

L**-ispejjeż** ta' din id-deċiżjoni jitħallsu mill-attur rikonvenzjonat.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**27 ta' Settembru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**27 ta' Settembru, 2002**